MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 155/2005

**Melita Power Diesel Limited (C 23376)**

**vs**

**John Busuttil [ID numru 711758 M]**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tliet mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm2,323.42) rapprezentanti servizzi ta' tiswija, inkluzi 'labour charges' u 'parts' maghmul mis-socjeta' attrici fuq il-'yacht' "Anna Maria Esmeralda" fil-proprjeta' tal-konvenut fuq ordni u inkarigu tieghu u liema servizz sal-21 ta' Marzu, 2005 ma kienux imhallsa, flimkien ma' l-imghax kummercjali mid-data tal-fattura annessa u mmarkata Dok. A1-2.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-19 ta' Ottubru, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------